


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Il-qorti Ta' Liema Pajjiż Hija Responsabbli?](#) > [Hungary](#)

Il-qorti ta' liema pajjiż hija responsabbli?



Ungerija

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Fejn għandi nippreżenta rikors: quddiem qorti ċivili ordinarja jew quddiem qorti speċjalizzata (pereżempju qorti industrijali)?

Skont l-Att dwar l-Organizzazzjoni u l-Amministrazzjoni tal-Qrati, fl-Ungerija jeżisti tip wieħed biss ta' qorti speċjalizzata: il-qorti amministrattivi u industrijali li jitrattaw kwistjonijiet industrijali u amministrattivi. Kwistjonijiet li mhumiex kwistjonijiet industrijali u amministrattivi huma ttrattati minn qrati ordinarji.

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi, tilwima amministrattiva tiġi ġġudikata f'kawża fil-qorti amministrattiva. Tilwima amministrattiva tirrigwarda l-legalità ta' aġir jew nuqqas ta' aġir ta' korp amministrattiv, li l-għan jew l-effett tagħhom ikun li jibdlu s-sitwazzjoni ġuridika ta' entità rregolata jew affettwata mid-dritt amministrattiv. Tilwimiet relatati ma' relazzjonijiet tas-servizz pubbliku u kuntratti amministrattivi huma wkoll tilwimiet amministrattivi.

Kawża amministrattiva hija deċiża fl-ewwel istanza minn qorti amministrattiva u industrijali jew, fil-każijiet speċifikati mil-liġi, minn qorti reġjonali (*törvényesék*) jew mill-Kurja tal-Ungerija (*Kúria*).

Il-ġurisdizzjoni tal-qorti amministrattivi u industrijali tkopri kawżi fil-qorti amministrattivi u proċeduri oħra fil-qorti amministrattivi fejn il-ġurisdizzjoni ma tkunx konferita lil qorti reġjonali jew lill-Kurja tal-Ungerija bil-liġi.

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi, il-qorti reġjonali għandhom ġurisdizzjoni fuq kawżi relatati ma' attivitajiet amministrattivi ta' korpi regolatorji indipendenti, korpi amministrattivi awtonomi tal-Istat u uffiċċji tal-gvern skont l-att dwar il-korpi tal-amministrazzjoni statali ċentrali, il-korp tal-amministrazzjoni ferrovjarja, l-awtorità tal-avjazzjoni u l-Bank Nazzjonali Ungeriż, ħlief f'kawżi relatati ma' relazzjonijiet ta' servizz pubbliku.

Il-qorti reġjonali jiddeċiedu fi proċeduri għall-ħatra ta' korpi amministrattivi, fi proċeduri tal-qorti relatati mal-eżerċizzju tad-dritt ta' assemblea, f'kawżi relatati mal-aċċess għal *data* klassifikata u f'tilwim legali li jikkonċernu korpi professjonali statutorji.

Il-Kurja tal-Ungerija għandha ġurisdizzjoni għal proċeduri għall-valutazzjoni ta' kunflitt bejn digriet tal-gvern lokali u leġiżlazzjoni oħra, proċeduri li jikkonċernaw in-nuqqas min-naħa ta' gvern lokali li jikkonforma mal-obbligu tiegħu li jilleġiżla, u proċeduri għall-istabbiliment ta' mezzi proċedurali biex jiġi solvut ilment kostituzzjonali.

Kawżi tal-liġi industrijali jinkludu kawżi li jirriżultaw minn relazzjonijiet ġuridiċi stabbiliti skont l-Att dwar il-Kodiċi Industrijali, impjeg fis-settur pubbliku, relazzjonijiet ta' servizz, ħlief kif previst fil-liġi, parteċipazzjoni fi skemi ta' impjeg pubbliku, kuntratti tax-xogħol konklużi skont l-Att dwar l-Ispport, kuntratti ta' apprendistat konklużi fit-taħriġ vokazzjonali, kuntratti ta' internships tal-istudenti skont l-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja Nazzjonali, relazzjonijiet ta' xogħol stabbiliti ma' kooperattivi soċjali jew kooperattivi tal-impjeg mill-membri ta' tali kooperattivi, u azzjonijiet imressqa għall-eżekuzzjoni ta' pretensjonijiet oħra skont il-liġi tax-xogħol, kif speċifikat fl-Att dwar il-Kodiċi tax-Xogħol. Kawża tal-liġi tax-xogħol tibqa' tali wkoll jekk ikun hemm bidla fil-persuna ta' kwalunkwe parti minħabba ċessjoni, teħid ta' dejn, suċċessjoni tal-impjegatur, jew bidla fil-persuna tal-

impjegatur. Jekk impjegat ikollu pretensjoni finanzjarja kontra impjegatur insolventi, li tirriżulta minn pretensjoni skont il-liġi tax-xogħol u relatata mal-assi li jiffurmaw parti mill-patrimonju tal-insolvenza, u din tkun ikkontestata mill-amministratur tal-insolvenza, l-impjegat jista' jressaq kawża tal-liġi tax-xogħol kontra l-impjegatur wara l-bidu tal-proċedura ta' insolvenza.

2 Meta l-qrati ċivili ordinarji jkollhom il-ġuriżdizzjoni (jiġifieri jkunu l-qrati responsabbli għal każijiet bħal dawn) kif nista' nkun naf f'liema qorti għandi nagħmel ir-rikors?

2.1 Issir distinzjoni bejn il-qrati ċivili ordinarji inferjuri u superjuri (pereżempju qrati distrettwali bħala qrati inferjuri u qrati reġjonali bħala qrati superjuri) u jekk issir, liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi?

Skont l-Att dwar l-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni tal-qrati, is-sentenzi tal-ewwel istanza jingħataw mill-qrati distrettwali (*Járásbíróság*) u l-qrati reġjonali. Il-qrati reġjonali jiddeċiedu fl-ewwel istanza f'kawżi fejn il-ġuriżdizzjoni ma tkunx konferita lill-qrati distrettwali bil-liġi. Il-qrati distrettwali għandhom ġuriżdizzjoni fuq dawn li ġejjin:

(a) kawżi relatati ma' drittijiet tal-proprjetà fejn il-valur tal-proprjetà ma jkunx jaqbeż il-HUF 30 miljun jew ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat il-valur tal-pretensjoni abbażi ta' dritt tas-sjieda, ħlief għal

(aa) kawżi relatati mad-drittijiet tal-awtur, drittijiet relatati u drittijiet tas-sjieda industrijali,

(ab) kawżi mressqa għall-ħlas ta' danni relatati mal-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali, u ta' għotjiet ta' restituzzjoni,

(ac) kawżi mressqa għal raġunijiet ta' interess pubbliku,

(ad) kawżi relatati mal-ħolqien u l-operazzjoni legali ta' persuna ġuridika,

(ae) tilwim bejn persuni ġuridiċi u l-membri attwali jew preċedenti tagħhom, u tilwim bejn membri attwali jew preċedenti, li jirriżultaw mir-relazzjonijiet ta' sħubija tagħhom,

(b) kawżi relatati mal-istatus personali,

(c) kawżi ta' eżekuzzjoni.

Il-qrati reġjonali jiddeċiedu mhux biss fl-ewwel istanza iżda wkoll fit-tieni istanza, jiġifieri fir-rigward ta' appelli kontra deċiżjonijiet maħruġa minn qrati distrettwali u qrati amministrattivi u industrijali.

Il-qrati tal-appell reġjonali (*ítéltábla*) jiddeċiedu dwar rikorsi għal rimedju ġuridiku kontra deċiżjonijiet minn qrati reġjonali, u jittrattaw kawżi oħra li huma fil-ġuriżdizzjoni tagħhom.

Il-qorti suprema tal-Ungerija hija l-Kurja tal-Ungerija. Fil-każijiet speċifikati mil-leġiżlazzjoni, il-Kurja tiddeċiedi dwar rikorsi għal rimedju ġuridiku kontra deċiżjonijiet minn qrati reġjonali u qrati reġjonali ta' appell, tiddeċiedi dwar rikorsi għal stħarriġ ġudizzjarju, tiddeċiedi dwar konflitti bejn digrieti tal-gvern lokali u leġiżlazzjoni oħra u tirrevoka tali digrieti fejn meħtieġ, tistabbilixxi kwalunkwe nuqqas ta' gvernijiet lokali li jissodisfaw l-obbligu statutorju tagħhom li jilleġiżlaw, u tindirizza kawżi oħra li huma fil-ġuriżdizzjoni tagħha.

2.2 Ġuriżdizzjoni territorjali (liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi, il-qorti tal-belt A jew dik tal-belt B?)

2.2.1 Ir-regola bażika tal-ġuriżdizzjoni territorjali

Il-qorti b'ġuriżdizzjoni fuq il-post tar-residenza tal-konvenut għandha ġuriżdizzjoni fil-kawżi kollha fejn l-ebda qorti oħra ma jkollha ġuriżdizzjoni esklużiva.

Jekk il-konvenut ma jkollux post tar-residenza fl-Ungerija, il-ġuriżdizzjoni hija rregolata mill-post tas-soġġorn tal-konvenut fl-Ungerija. Jekk il-post tas-soġġorn tal-konvenut ma jkunx magħruf jew ikun jinsab barra mill-pajjiż,

jitqies l-aħħar post tar-residenza tiegħu fl-Ungerija. Jekk dan ma jkunx jista' jiġi determinat jew jekk il-konvenut ma kellux post tar-residenza, il-ġurisdizzjoni tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-post tar-residenza tar-rikorrent fl-Ungerija jew, fin-nuqqas ta' dan, il-post tar-residenza tiegħu fl-Ungerija. Jekk ir-rikorrent ma jkunx persuna fiżika, il-ġurisdizzjoni tiġi ddeterminata b'referenza għas-sede tiegħu fl-Ungerija.

Jekk il-post tax-xogħol tal-konvenut ma jkunx l-istess bħall-post tar-residenza tiegħu jew tagħha, il-qorti, fuq talba tal-konvenut ippreżentata bħala parti mid-dikjarazzjoni ta' difiża bil-miktub tiegħu jew tagħha, tittrasferixxi l-kawża għas-smiġħ u l-aġġudikazzjoni lill-qorti bil-ġurisdizzjoni fuq il-post tax-xogħol.

Jekk titressaq kawża kontra persuna li ma tkunx persuna fiżika, il-ġurisdizzjoni ġenerali ma tiddependix biss fuq is-sede ta' dik il-persuna iżda wkoll fuq il-post tal-operat tal-korp jew tal-unità organizzattiva intitolata li tirrappreżentaha u li tkun qed jaġixxi fit-tilwima legali. F'każ ta' dubju, il-post tan-negożju jrid jitqies bħala s-sede. Jekk is-sede ta' persuna mhux fiżika tkun tinsab f'Budapest iżda l-operazzjonijiet tagħha jkunu jestendu għat-territorju tal-Kontea ta' Pest, il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fuq il-Kontea ta' Pest tittratta l-kawża.

Jekk persuna mhux fiżika ma jkollhiex sede fl-Ungerija, il-ġurisdizzjoni fir-rigward tal-kawżi imressqa minn rikorrent Ungeriż li ma jkunx persuna fiżika tiġi ddeterminata b'referenza għas-sede jew għall-post tal-operat tar-rikorrent. Jekk ir-rikorrent ikun persuna fiżika Ungeriża, il-ġurisdizzjoni tiġi stabbilita jew fil-post tar-residenza tar-rikorrent jew, fin-nuqqas ta' dan, fil-post tas-soġġorn tiegħu jew tagħha.

2.2.2 Eċċezzjonijiet għar-regola bażika

2.2.2.1 Meta nkun nista' nagħżel bejn il-qorti fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti li tiġi ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika) u qorti oħra?

Fin-nuqqas ta' qorti b'ġurisdizzjoni esklużiva, ir-rikorrent jista' jaġġżel li jiftaħ kawża quddiem qorti li ma tkunx dik li jkollha l-ġurisdizzjoni ġenerali fir-rigward tal-konvenut. B'mod aktar speċifiku, kawża għall-impożizzjoni ta' obbligu ta' manteniment preskritt bil-liġi tista' titressaq quddiem il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-post tar-residenza tar-rikorrent; kawża relatata mas-sjeda jew mal-pussess ta' proprjetà immobbli, jew ma' dritt *in rem* fi proprjetà immobbli, tista' titressaq quddiem il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-post fejn tkun tinsab il-proprjetà immobbli; kawża għall-eżekuzzjoni ta' pretensjoni kuntrattwali tista' titressaq quddiem il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-post fejn tkun ġiet konkluża t-tranżazzjoni jew fejn ikollu jiġi pprovdut is-servizz; kawża għall-eżekuzzjoni ta' pretensjoni kuntrattwali ta' konsumatur kontra impriża tista' titressaq quddiem il-qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni fuq il-post tar-residenza tar-rikorrent fl-Ungerija jew, fin-nuqqas ta' dan, il-post tas-soġġorn tiegħu jew tagħha fl-Ungerija; u kawża fir-rigward tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tista' titressaq quddiem il-qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni fuq il-post ġeografiku fejn ikun ġie kkawżat jew ikun seħħ id-dannu.

Jekk ma jkunx hemm qorti b'ġurisdizzjoni esklużiva f'tilwima dwar il-proprjetà, il-ġurisdizzjoni hija wkoll f'idejn il-qorti li l-konvenut ikun qed joqgħod fiż-żona tal-ġurisdizzjoni tagħha għal perjodu prevedibbilment twil (pereżempju, bħala impjegat jew bħala student). Il-ġurisdizzjoni ma tistax tiġi stabbilita għal dawn ir-raġunijiet fil-każ ta' konvenuti li ma għandhomx il-kapaċità li jaġixxu f'kawża.

Kawża ġuridika relatata mal-proprjetà diretta kontra persuna barranija li ma tkunx persuna fiżika tista' wkoll titressaq quddiem il-qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni fuq il-post tar-residenza tal-persuna inkarigata bil-ġestjoni tal-affarijiet tal-persuna mhux fiżika barranija. Il-qorti kompetenti għas-sede tal-fergħa jew l-aġenzija kummerċjali Ungeriża tal-persuna mhux fiżika barranija wkoll għandha ġurisdizzjoni għal tali tilwim dwar proprjetà.

Kawża konġunta tista' titressaq kontra debitur sekondarju u debitur prinċipali quddiem il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni fuq kwalunkwe bażi għall-kawża kontra d-debitur prinċipali.

Il-ġurisdizzjoni għal kawża mressqa għal tqegħid taħt kustodja hija wkoll f'idejn il-qorti li fiż-żona ta' ġurisdizzjoni tagħha l-konvenut ikollu akkomodazzjoni f'istituzzjoni soċjali residenzjali jew ikun jirċievi kura in-patient fuq perjodu twil ta' żmien, jew ikollu r-residenza abitwali tiegħu.

Fi kwistjonijiet matrimonjali, il-qorti tal-aħħar residenza abitwali komuni tal-miżżewġin għandha ġurisdizzjoni wkoll.

Il-kawżi imressqa għall-istabbiliment tad-dixxendenza, li jiddeċiedu l-eżerċizzju tal-kustodja mill-ġenituri, it-tqegħid ta' minorenni ma' parti terza, it-terminazzjoni tal-kustodja mill-ġenituri, it-terminazzjoni tal-adozzjoni jew il-manteniment tat-tfal minorenni jistgħu wkoll jinbdew fil-qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni dwar il-post tar-residenza

jew il-post tas-soġġorn tat-tfal minorenni involuti.

2.2.2.2 Meta jkun meħtieġ li nagħżel qorti differenti minn dik fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika)?

Meta l-leġiżlazzjoni tipprovdi li qorti speċifika għandu jkollha ġuriżdizzjoni esklużiva fil-kawża. Dan japplika, pereżempju, fil-każijiet ta' hawn taħt.

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi, minn att ġuridiku vinkolanti tal-Unjoni jew minn konvenzjoni internazzjonali, il-qorti tal-post tar-residenza tal-konvenut fl-Ungerija għandha ġuriżdizzjoni esklużiva għal kawżi ppreżentati minn impriża kontra konsumatur għall-eżekuzzjoni ta' pretensjoni li tirriżulta minn relazzjoni kuntrattwali. Jekk il-konvenut ma jkollux post tar-residenza fl-Ungerija, il-ġuriżdizzjoni esklużiva hija rregolata mill-post tas-soġġorn tal-konvenut fl-Ungerija. Jekk il-post tas-soġġorn tal-konvenut ma jkunx magħruf jew ikun jinsab barra mill-pajjiż, l-aħħar post tar-residenza tiegħu fl-Ungerija jkun il-kriterju ta' referenza. Jekk dan ma jkunx jista' jiġi ddeterminat, il-ġuriżdizzjoni trid tiġi stabbilita skont ir-regoli ġenerali.

Jekk persuna korruta tkun tista', skont dispożizzjoni legali relatata ma' kuntratti tal-assigurazzjoni tar-responsabbiltà, titlob ukoll danni jew restituzzjoni mingħand parti terza li ma tkunx il-persuna li tkun ikkawżat id-dannu, il-kawża mressqa kontra l-parti terza tkun fil-ġuriżdizzjoni esklużiva tal-qorti tal-post tar-residenza tar-rikorrent fl-Ungerija, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi, minn att legali vinkolanti tal-Unjoni Ewropea jew minn konvenzjoni internazzjonali. Jekk ir-rikorrent ma jkollux post tar-residenza fl-Ungerija, il-qorti tal-post ta' permanenza tar-rikorrent fl-Ungerija teżerċita ġuriżdizzjoni esklużiva. Jekk ir-rikorrent ma jkunx persuna fiżika, il-qorti b'ġuriżdizzjoni esklużiva tiġi ddeterminata b'referenza għas-sede tiegħu fl-Ungerija. Jekk ir-rikorrent ma jkollux post tar-residenza, post ta' soġġorn jew sede fl-Ungerija, il-ġuriżdizzjoni trid tiġi stabbilita skont ir-regoli ġenerali.

Kawża għal terminazzjoni jew restrizzjoni ta' eżekuzzjoni hija fil-ġuriżdizzjoni esklużiva tal-qorti distrettwali li tkun ordnat l-eżekuzzjoni. Jekk l-eżekuzzjoni ma tkunx ġiet ordnata minn qorti distrettwali, il-ġuriżdizzjoni tkun tal-qorti distrettwali tal-post tar-residenza tad-debitur.

Kawża replevin (għar-rilaxx ta' proprjetà ssekwestrata b'mod illeċitu) hija fil-ġuriżdizzjoni esklużiva tal-qorti distrettwali li fiż-żona ta' ġuriżdizzjoni tagħha jkun seħħ is-sekwestru.

Kawża għal permess għal parteċipazzjoni fi proċedura ta' eżekuzzjoni hja fil-ġuriżdizzjoni esklużiva tal-qorti li tkun ċaħdet it-talba tad-detentur ta' pleġġ fil-proċedura ta' eżekuzzjoni ġudizzjarja.

Kawża li ssir biex tinbidel id-deċiżjoni ta' skrivan tal-gvern lokali dwar kwistjoni ta' pussess hija fil-ġuriżdizzjoni esklużiva tal-qorti tas-sede tar-reġistratur tal-gvern lokali li jadotta d-deċiżjoni ta' pussess.

2.2.2.3 Il-partijiet jistgħu jagħtu l-ġuriżdizzjoni lil qorti li altrimenti ma tkunx kompetenti?

F'materji li għandhom x'jaqsmu ma' proprjetà, il-partijiet jistgħu jattribwixxu l-ġuriżdizzjoni lil qorti partikolari biex issolvi t-tilwima attwali tagħhom jew kwalunkwe tilwima futura li tista' tirriżulta minn relazzjoni ġuridika partikolari, sakemm il-liġi ma tipprovdi mod ieħor. Ftehim dwar l-għażla tal-qorti jista' jsir bil-miktub, bil-fomm b'konferma bil-miktub, f'forma li taqbel mal-prattiki tan-negozju żviluppati bejn il-partijiet, jew, fil-każ ta' kummerċ internazzjonali, f'forma li taqbel mal-prattiki kummerċjali tas-soltu li huma magħrufa jew li għandhom ikunu magħrufa mill-partijiet u li huma ġeneralment magħrufa u użati regolarment fil-qasam speċifiku minn partijiet li jidhru fi ftehim ta' din in-natura.

F'każijiet fejn il-leġiżlazzjoni tipprovdi għall-ġuriżdizzjoni esklużiva ta' qorti partikolari, il-ġuriżdizzjoni ma tistax tiġi attribwita lil qorti oħra. Il-qorti magħżula għandha ġuriżdizzjoni esklużiva sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mil-liġi jew miftiehem mod ieħor mill-partijiet. Ftehim dwar l-għażla tal-qorti japplika għas-suċċessuri ġuridiċi. L-għażla tal-ġuriżdizzjoni ma tistax tkun tali li tipprevjeni lill-konsumaturi milli jeżegwixxu pretensjonijiet kuntrattwali kontra impriża quddiem il-qorti tal-post tar-residenza tal-konsumatur fl-Ungerija jew, fin-nuqqas ta' dan, fil-post tas-soġġorn tal-konsumatur fl-Ungerija.

Fi kwistjonijiet relatati ma' proprjetà, il-partijiet ma jistgħux jattribwixxu ġuriżdizzjoni għat-tilwim ġuridiku tagħhom jew għal kwalunkwe tilwima futura li tirriżulta minn relazzjoni ġuridika partikolari quddiem il-Qorti Reġjonali ta' Budapest-Kapitali jew il-Qorti Reġjonali tad-Dintorni ta' Budapest f'kawżi fejn ikollhom ġuriżdizzjoni l-qrati reġjonali, jew quddiem il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Pest f'kawżi fejn ikollhom ġuriżdizzjoni l-qrati

distrettwali.

3 Meta l-ġurisdizzjoni tkun tal-qrati speċjalizzati, kif nagħmel biex inkun naf quddiem liema qorti għandi nippreżenta r-rikors?

Il-qrati amministrattivi u industrijali huma l-uniċi qrati speċjalizzati fl-Ungerija.

Il-kawżi tal-liġi tax-xogħol huma bażikament regolati mir-regoli ġenerali tal-ġurisdizzjoni deskritti fil-punt 2.2.1. Impjegat li jressaq kawża jista' jagħmel bejn il-qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni ġenerali fuq il-konvenut u l-qorti amministrattiva u industrijali li jkollha l-ġurisdizzjoni fuq il-post tar-residenza tal-impjegat jew, fin-nuqqas ta' dan, fuq il-post tas-soġġorn fl-Ungerija, jew il-qorti amministrattiva u industrijali li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-post fejn l-impjegat ikun hađem jew ikun ilu jađdem għal perjodu twil ta' żmien. Jekk kolitigant jew pretensjoni jkunu fil-ġurisdizzjoni ta' qorti li jkollha ġurisdizzjoni għal kawżi tal-liġi tax-xogħol, filwaqt li kolitigant jew pretensjoni oħra jkunu fil-ġurisdizzjoni ta' qorti distrettwali jew qorti reġjonali, il-kawża taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti industrijali, dment li l-leġiżlazzjoni tkun tippermetti li l-partijiet jew il-pretensjonijiet jingħaqdu.

Il-kawżi amministrattivi jridu jitressqu quddiem il-qorti li fiż-żona tal-ġurisdizzjoni tagħha tkun twettqet l-attività amministrattiva soġġetta għat-tilwim, sakemm il-ġurisdizzjoni esklużiva ta' qorti oħra ma tkunx stabbilita mil-liġi. Jekk l-att amministrattiv inkwistjoni jkun twettaq fi proċeduri ta' iktar minn istanza waħda, il-kawża tkun fil-ġurisdizzjoni territorjali tal-qorti tal-post fejn ikun sar l-att amministrattiv fl-ewwel istanza.

Fil-każ ta' drittijiet, obbligi u relazzjonijiet ġuridiċi relatati mal-proprjetà immobbli, il-post tat-twettiq tal-attività amministrattiva huwa l-post fejn tkun tinsab il-proprjetà immobbli. Fil-każ tan-notifika jew l-awtorizzazzjoni ta' attività, huwa l-post fejn tiġi segwita jew ikun maħsub li tiġi segwita l-attività. Ħlief fiż-żewġ każijiet imsemmija qabel, il-post tal-eżekuzzjoni tal-attività amministrattiva ta' korp amministrattiv tal-Istat b'ġurisdizzjoni nazzjonali huwa l-post tar-residenza jew il-post tas-soġġorn tar-rikorrent jew, għal persuni ġuridiċi u entitajiet mingħajr personalità ġuridika, is-sede tal-entità jew, fin-nuqqas ta' dan, is-sede tal-korp amministrattiv. Il-Kontea ta' Pest hija l-post tal-prestazzjoni tal-attivitàjiet amministrattivi mwettqa fis-sede ta' korp amministrattiv tal-istat li jkollu s-sede tiegħu f'Budapest iżda li l-ġurisdizzjoni tiegħu tkun tkopri primarjament il-kontea ta' Pest jew parti minnha. F'każijiet ta' nuqqas ta' azzjoni, il-post tat-twettiq tal-attività amministrattiva huwa s-sede tal-korp amministrattiv, ħlief fl-ewwel tliet każijiet speċifikati hawn fuq.

Ċerti qrati amministrattivi u industrijali għandhom ġurisdizzjoni territorjali għal reġjun speċifikat. Dawn huma l-Qorti Amministrattiva u Industrijali ta' Budapest-Kapitali, il-Qorti Amministrattiva u Industrijali tad-Dintorni ta' Budapest, il-Qorti Amministrattiva u Industrijali ta' Debrecen, il-Qorti Amministrattiva u Industrijali ta' Győr, il-Qorti Amministrattiva u Industrijali ta' Miskolc, il-Qorti Amministrattiva u Industrijali ta' Pécs, il-Qorti Amministrattiva u Industrijali ta' Szeged, il-Qorti Amministrattiva u Industrijali ta' Veszprém.

Il-ġurisdizzjoni għal kawżi relatati mas-sigurtà soċjali, mal-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali jew tat-tfal u mal-benefiċċji jew l-appoġġ ipprovdut mis-servizz tal-istat għall-impjegati hija f'idejn il-qorti amministrattiva u industrijali b'ġurisdizzjoni fuq il-post tar-residenza tar-rikorrent jew, jekk ir-rikorrent ikun persuna ġuridika jew entità mingħajr personalità ġuridika, is-sede tar-rikorrent jew, fin-nuqqas ta' dan, is-sede tal-korp amministrattiv.

Kawżi relatati ma' kuntratti amministrattivi jridu jitressqu quddiem il-qorti reġjonali li fiż-żona tal-ġurisdizzjoni tagħha jkun ġie konkluż il-kuntratt. Il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni fuq kwalunkwe bażi fuq id-debitur prinċipali jkollha l-ġurisdizzjoni fuq il-pretensjoni kontra d-debitur sekondarju.

Jekk l-attività amministrattiva tkun twettqet barra mill-pajjiż, il-kawża tkun fil-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti Amministrattiva u Industrijali ta' Budapest-Kapitali.

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi, il-partijiet f'kuntratt amministrattiv jistgħu jadottaw klawżola dwar l-għażla tal-qorti li tkun innegożjata b'mod individwali, li fiha jattribwixxu l-ġurisdizzjoni fuq kwalunkwe tilwima ġuridika futura li tinħoloq bejniethom b'rabta mal-kuntratt amministrattiv għal qorti amministrattiva u industrijali b'ġurisdizzjoni territorjali għal reġjun speċifiku. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi jew miftiehem mill-partijiet, il-qorti magħżula jkollha l-ġurisdizzjoni esklużiva għall-kawżi kollha relatati mal-kuntratt amministrattiv. Il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti japplika wkoll għas-suċċessuri ġuridiċi.

F'każijiet fejn il-leġiżlazzjoni tipprovdri għall-ġurisdizzjoni esklużiva ta' qorti partikolari, il-ġurisdizzjoni ma tistax

tiġi attribwita lil qorti oħra.

Il-partijiet ma jistgħux jattribwixxu l-ġuriżdizzjoni għat-tilwim futur tagħhom li jirriżulta mill-kuntratt amministrattiv lill-Qorti Amministrattiva u Industrijali ta' Budapest-Kapitali.

Kawżi relatati mar-relazzjonijiet ta' servizz pubbliku jridu jitressqu quddiem il-qorti b'ġuriżdizzjoni territorjali għall-post fejn ikun twettaq ix-xogħol. Jekk ir-rikorrent ikun persuna fiżika, il-kawża tista' titressaq ukoll quddiem il-qorti li jkollha l-ġuriżdizzjoni fuq il-post tar-residenza tar-rikorrent.

Il-Qorti Reġjonali ta' Budapest-Kapitali għandha ġuriżdizzjoni esklużiva fuq appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-qrati amministrattivi u industrijali u fuq kawżi li huma fil-ġuriżdizzjoni ta' qrati reġjonali.

■ L-aħħar aġġornament: 15/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.